

[Dan il-messaġġ awtorizzat qiegħed jintbagħat mill-Bank Ċentrali Ewropew]

Numru ta' referenza tad-Debitur Tariffarju: XXXX

Isem id-Debitur Tariffarju

Jekk jogħġbok uża din il-[link](#) jekk tixtieq taqra l-ittra b'lingwa oħra.

Għal min hu interessat

Qegħdin niktubulek fil-kapaċità tiegħek ta' debitur tariffarju rreġistrat mal-[mal-portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) sabiex nagħtuk informazzjoni li tappartjeni għaċ-ċiklu superviżorju tal-ħlas tal-BĊE 2022. Aġġornajna wkoll [is-sezzjoni tat-tariffi superviżorji](#) tal-websajt tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE b'informazzjoni utli dwar iċ-ċiklu tat-tariffi tal-2022 fil-lingwi kollha tal-UE.

L-iskadenzi importanti fir-rigward taċ-ċiklu tal-ħlas tal-2022 huma ddettaljati hawn taħt.

Sat-30 ta' Settembru 2022 id-debituri tariffarji kollha huma mitluba jlestu l-passi li ġejjin.

1. Jiżguraw li d-**dettalji ta' kuntatt** irreġistrati fil-[portal onlajn tal-BĊE](#) huma korretti.
 - Huwa essenzjali li żżomm id-dettalji ta' kuntatt tiegħek aġġornati – partikolarment l-indirizz tal-indirizz elettroniku (email) preferut tiegħek, billi dan huwa l-kanal dirett li l-BĊE juża biex jikkomunika mad-debituri tariffarji. Inhegġguk tipprovdi email għal dipartiment jew grupp aktar milli membru tal-persunal wieħed.
 - Meta tirrivedi d-dettalji ta' kuntatt tiegħek tkun opportunità tajba biex tivverifika, tibdel jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' ħlas (IBAN u BIC) jekk tixtieq li t-tariffi superviżorji jiġu debitati direttament mill-BĊE.
 - Jekk tkun trid taġġorna l-isem tal-entità legali tiegħek, jekk jogħġbok ibgħat email lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu;
2. Ipprovdi **notifika tad-debitur tat-tariffa** jekk ikun ġie stabbilit grupp bankarju **ġdid** jew jekk ikun hemm **bidla** fl-istruttura tal-grupp li taffettwa lill-kap tal-grupp jew lid-debitur tat-tariffa nominat. Biex tagħmel dan, imla l-**formola ta' notifika tad-debitur tat-tariffa** u ibgħatha bħala fajl PDF f'email lil SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu.
3. Il-gruppi bankarji huma meħtieġa **jissottomettu notifika tal-intenzjoni li teskludi assi totali u/jew espożizzjoni għar-riskju** li jikkorrispondu għal sussidjarji mhux MSU fejn applikabbli. Din in-notifika tiżgura li aħna nkunu konxji minn liema debituri tariffarji nistennew fatturi ta' ħlas f'Novembru 2022, biex jiġi żgurat li l-proċess ta' ġbir jimxi sewwa. In-notifika għandha tiġi sottomessa permezz tal-portal onlajn. Istruzzjonijiet dettaljati huma pprovduti fit-Taqsima 3.3 tal-manwal għall-utent disponibbli fil-portal online. Jekk ma tasal l-ebda notifika sal-iskadenza, jiġi preżunt li l-grupp ma jixtieqx inaqas il-kontribuzzjoni ta' sussidjarji li mhumiex MSU u

għalhekk ir-rappurtar finanzjarju (FINREP) u d-data tar-rappurtar komuni (COREP) disponibbli fil-BĊE jerġgħu jintużaw. **Notifiki li jaslu tard ma jistgħux jiġu aċċettati.**

Sal-11 ta' Novembru 2021, fejn applikabbli, id-debituri tariffarji huma mitluba jissottomettu l-fatturi tariffarji lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti. Id-debituri tariffarji jirċievu struzzjonijiet mill-awtorità kompetenti nazzjonali tagħhom dwar kif jissottomettu l-fatturi tariffarji bl-użu tal-mudelli rispettivi.

Jannar 2023: Il-fatturi ta' h̄las għad-debituri tariffarji kollha se jiġu ppubblikati permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Id-debituri tariffarji ser ikollhom 15-il jum tax-xogħol biex janalizzaw u jikkumentaw dwar il-fatturi tariffarji ppubblikati fil-portal. Email li tħabbar id-disponibbiltà tal-fatturi tariffarji fil-portal online tal-BĊE u l-bidu tal-perjodu għal kummenti tintbagħat lid-debituri kollha tat-tariffa permezz tal-indirizz tal-email preferut irreġistrat permezz tal-portal online.

Marzu 2023: Il-BĊE se jippubblika l-ammont totali li għandu jkun intaxxat għall-perjodu tat-tariffa 2022 u l-istima tal-ammont totali li għandu jiġi impost għall-perjodu tat-tariffa 2023.

Mejju 2023: L-avviżi tariffarji għandhom ikunu disponibbli permezz tal-portal onlajn tal-BĊE. Dawn se jkunu disponibbli fil-lingwa tal-UE preferita tad-debitur tariffarju, sakemm il-preferenza lingwistika tkun indikata qabel ma l-korrispondenza tiġi prodotta fis-sistema. Istruzzjonijiet dwar kif tagħżel il-lingwa tal-korrispondenza jistgħu jinstabu fit-Taqsima 3.1 tal-manwal tal-utent fil-portal onlajn. Data tal-għeluq għall-h̄las hija 35 jum kalendarju wara l-ħruġ tal-avviż tat-tariffa.

Iktar dettalji dwar il-qafas tariffarju jistgħu jinstabu fi [taqsima tat-tariffi superviżorji](#) tas-sit web tas-superviżjoni bankarja tal-BĊE. Dan jinkludi informazzjoni dwar is-suġġetti li ġejjin.

- Dati ewlenin dwar iċ-ċiklu tariffarju tal-2022.
- Kif [tikkalkula t-tariffa tiegħnek](#). Din il-paġna fiha informazzjoni Prattika li tippermetti li tiġi stmata t-tariffa annwali għal debituri tariffarja individwali għall-perjodu tariffarju 2022. Tinkludi l-istima tat-tariffa superviżorja annwali tal-2022 kif ppubblikata fil-Kapitolu 6 tar- [Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji](#). L-ispiża annwali eżatta tkun magħrufa wara l-għeluq tal-kontijiet għas-sena kkonċernata u se tiġi ppubblikata f'Marzu 2023 fir-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji;
- Obbligi tad-[debitur tariffarju](#). Din it-taqsima tipprovdi informazzjoni li dwarha l-gruppi bankarji għandhom jibagħtu il-formula tan-notifika tad-debitur tariffarju jew verżjoni aġġornata tal-formula. Tinkludi wkoll link għall-[formola ta' notifika tad-debitur tariffarju](#).
- [Fatturi tariffarji](#). Din it-taqsima tagħti dettalji fuq l-użu mill-ġdid ta' data superviżorja, kif ukoll informazzjoni dwar kif għandhom jiġu sottomessi fatturi tariffarji għal dawk li għad għandhom bżonn jipprovduhom.
- Il-ħruġ tal-[avviżi tariffarji u tagħrif li għandu x'jaqsam mal-h̄las](#).
- Gwida Prattika addizzjonali fit-[taqsima tal-mistoqsijiet komuni](#).

Għal kwalunkwe mistoqsija fuq l-obbligi tiegħek bħala debitur tariffarju, jew kwalunkwe mistoqsija oħra relatata mat-tariffi superviżorji, jekk jogħġbok ikkonsulta t-[taqsima tariffi supervizorj](#) tas-sit web tal-BĊE. Il-BĊE huwa lest ukoll jipprovdi l-għajnuna meħtieġa, l-aħjar permezz tal-email (SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu).

Tislijiet,

It-tim tal-informazzjoni dwar it-tariffi MSU tal-BĊE